MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 814/2003

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***Vs***

***Benny Micallef***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46) rappresentanti in kwantu ghal Lm44.75 Royalty dovuta bil-quddiem ghal

perijodu mis-6 ta' Settembru 2002 sal-5 ta' Settembru 2003 in konnessjoni mal-licenzja Nru.7600 (Dokument A anness ma' l-avviz), rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi

moghti d-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment “Ta’ Fra Ben Restaurant”, Qawra u Lm6.71, Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Dicembru 2002 u ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-Prokuratur Legali Josette Attard ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Dicembru 2002 u ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------